**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 10 ta' Mejju, 2016

**Il-Pulizija**
**(Spettur Robert Said Sarreo)**

**-vs-**

**Victor Portelli detentur ta' l-Karta ta' l-Identita bin-numru 230866M**

Kumpilazzjoni Nru. 90/15

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat Victor Portelli u ċioè talli:

1. Nhar is-26 ta' Jannar 2015 għall-ħabta ta' tal-11:30am, ġewwa Triq Kottonera, Birgu, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, ħebb għal Natasha Seisun u/jew persuna/i ohra, u kkaġunalha ġrieħi ta' natura gravi, skont ma ċċertifika Dr. MD tal-Isptar Mater Dei u dan bi ksur ta' l-artikoli 214, 218 u 217 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, akkwista, kellu fil-pusses tiegħu għal liema għan kien, żamm jew import arma u cioe' ponn tal-ħadid, mingħajr liċenzja mingħand l-awtoritajiet kompetenti, liema arma hija mniżżla fl-iskeda I u meqjusa bħala arma projbita, u dan bi ksur tal-artikoli 3 (a) u 51 (1) tal-Kap 480 tal-Liġijiet ta' Malta.

3. fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobli, u cioe' ħsara fuq vettura tat-tip Hyundai bin-numru tar-registrazzjoni BAB-656, liema ħsarat huma ta' inqas

minn mintejn u ħamsin Euro (€250), għad-detriment ta' Natasha Seisun u/jew persuna/i oħra, u dan bi ksur tal-artikolu 325 (1) (ċ) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-paċi pubblika b'għajjat u ġlied, u dan bi ksur tal-artikoli 338 (1) (dd) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti intalbet sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta għas-sigurtà ta' din il-persuna/i hawn fuq indikata.

Il-Qorti intalbet li toħroġ ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artiklu 412C tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta fil-konfront ta' Natasha Seisun, kemm waqt il-mori tal-kawża kif ukoll f'każ ta' ħtija ma kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa.

Il-Qorti intalbet sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużati għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta

Rat n-nota ta' rinviju ghal gudizzju tal-Avukat Generali tat-30 ta' Lulju, 2015.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat u deciz bi procedura sommarja minn dina l-Qorti.

Semghet il-provi.

Rat li l-imputat fis-seduta tallum ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u wara li nghata zmien biex jikkunsidra l-posizzjoni tieghu kkonferma l-ammissjoni tieghu.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet sottomissjonijiet dwar il-piena inkluz lill-parte civile.

Ikkunsidrat-

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant dawn gew sodisfacjentement ippruvati.

Illi meta tigi biex tqies il-piena li ghandha tigi inflitta, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni in-natura tar-reati li jinsab akkuzat bihom l-imputat kif ukoll tal-fedina penali tieghu li ghalkemm mhux allarmanti izzejjed tohloq preokkupazzjoni in vista li nstab hati fuq offizi fuq il-persuna fil-passat.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17, 31, 214, 215, 217, 218, 325(1)(c), 338(dd) tal-Kapitolu IX ta' l-Ligijiet ta' Malta, u l-artikoli 3(a) u 51(1) tal-Att dwar l-Armi, Kapitolu 480 ta' L-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, u tikkundannah ghal tmintax il-xahar prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu IX ta' l-Ligijiet ta' Malta qeghdin jigu sospizi ghal tlett snin millum.

Tikkundannah ukoll ghall-hlas ta' multa ta' mitejn u hamsin Ewro li ghandha tithallas ratejalment sa zmien tlett xhur millum.

Inoltre biex tipprovdi ghas-sigurta' tal-parte leza, Natasha Seisun, b'applikazzjoni ta' l-artikolu 412C tal-Kapitolu IX ta' l-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-imputat bil-projbizzjonijiet kollha elenkati fid-digriet moghti kontestwalment li jifforma parti integrali minn din is-sentenza u dan ghal perjodu ta' tlett (3) snin.

Fl-ahhar nett tordna lill-hati sabiex ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu IX ta' l-Ligijiet ta' Malta, ihallas is-somma ta' mitejn u dsatax il-Euro u wiehed u disghin centezmu (€219.91c) rapprezentanti l-ispejjez peritali in konnessjoni ma' dawn il-proceduri lir-Registratur ai termini tal-istess artikolu.

Il-Qorti spjegat lill-hati bi kliem car u li jinftiehem il-konsegwenzi jekk iwettaq reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**